

# PROGRAMM

# FESTA 1977

## PARROĊĊA SANTA VENERA




# Il-Kelma tal-Kappillan



Għeżież,

Il-festa reġgħet waslet, u l-entużjażmu tan-nies tal-Parroċċa diġa' beda jinħass u jidher, il-għaliex ma tista' tgħaddi minn imkien li ma tilmaħx lil min jirranġa d-dar għall-festa. Bir-raġun, il-għaliex il-festa hija l-aqwa avveniment li jsir fil-pajjiż matul is-sena, wisq u wisq iżjed meta l-pajjiż tagħna huwa wieħed mill-uniċi pajjiżi li l-isem tiegħu huwa marbut ma' dak tal-qaddisa Patruna tiegħu Santa Venera.

Issa biex dan il-ferħ ikun kompit hemm bżonn li jkun ġej minn ġewwa, irrid ngħid minn qalb verament ferħana u nadifa li tkun magħquda m'Alla li Hu biss Hu l-awtur tal-Paċi, mill-bqija ebda paċi oħra li tagħti d-dinja ma tasal biex tissodisfa l-qalb tal-bniedem. Difatti Ġesù stess qalilna: "Inħallilkom il-paċi, nagħtikom il-paċi tiegħi; mhux kif tagħtihielkom id-dinja nagħtihielkom jien". Għax il-dinja ma tistax, anqas jekk trid, tagħtina il-vera paċi.

Jekk fil-festa jirnexxielna nġarrbu dan il-ferħ veru, ħalli mbagħad infittxu anke l-ferħ l-ieħor, li jiġi miċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra, mill-parti tal-festa li aħna nsejħulha soċjali, għax il-bniedem magħmul minn ruħ u ġisem, iħoss il-bżonn li juri l-ferħ ġewwieni anke minn barra, huwa proprju għalhekk li l-Knisja tinkoraġġixxi l-parti esterna fl-okkażjoni tal-festi li jsiru lil qaddisin, sabiex meta qalbna tkun ferħana, ninsew l-imgħoddi u d-differenzi ta' bejnietna u nersqu lejn xulxin qisna qatt ma kellna x'ingħidu.

Għalhekk, biex dan iseħħ żgur, ejjew nipprofittaw ruħna fl-okkażjoni tal-festa u kulħadd ifittex li jersaq għas-sagrament tal-Qrar u t-Tqarbin Imqaddes u kemm jista'

jkun napprofittaw ruħna mit-tlitt ijiem tat-Tridu billi tiġu tisimgħu l-glorji tal-Kbira Qaddisa Patruna tagħna Santa Venera.

Fl-aħħarnett, il-festa m'għandhiex tiġi biss għal min hu b'saħħtu iżda wkoll għal min hu marid u batut. Għalhekk f'dawn il-granet nersqu iktar ta' spiss lejn ħutna morda u kemm jista' jkun nippruvaw infarġuhom. B'hekk meta magħqudin m'Alla u mal-proxxmu tagħna fil-bżonn, ma jistax jonqos li l-festa ma tirnexxix u fil-qalb ta' kull Vendriż tħalli ċertu sodisfazzjon u ferħ.

Minn qiegħ qalbi għalhekk nawguralkom il-festa t-tajba.

**Santa Venera tberikkom.**

P. FRANĠISK GRECH, O. Carm.


ANTHONY CILIA

19, CANNON ROAD, ST. VENERA

TEL. 22743

DIN ID-DITTA TFORNI KULL XORTA TA' BRICKS, XIBKA BIR-ROMBLI JEW BIL-BĊEJJEĊ, XAĦX TAL-FRANKA TA' KULL DAQS, MAĦDUMA SKOND IL-BRITISH SPECIFICATION STANDARDS, U TRAVI SECOND HAND


# KUMITAT TAL-FESTA ESTERNA 1977

| | |
|---|---|
| **President:** | Prokuratur tal-festa — Fr. R. Farrugia O.C. |
| **V. President:** | Rene Mizzi |
| **Segretarju:** | Karm Baldachino |
| **Ass. Seg.:** | Stefen Sciberras |
| **Kaxxier:** | Freddie Cachia |
| **Ass. Kaxxier:** | Michael Zerafa |
| **Membru:** | Charles Muscat |


BLUE SPOT

TELEVISIONS & RADIOS

1977/78 MODEL

Apply local Agents:

G. GRECH & BROTHERS LTD.

333-336, FLEUR-DE-LYS ROAD, BIRKIRKARA

TEL.: 41738

H.P.B. AVAILABLE

# LOEWE OPTA T.V.

THE SET THAT WON THE MARKET

Sole Agent:

COUNT CONSIGLIO D'AMATO

WESTERN RADIO SERVICE

701, HIGH STREET, HAMRUN Tel. 28356

# BENNY MUSCAT & SONS (WOODWORKS) LTD.

(EST. 1945)

Manufacturers of Furniture, Joinery and Kitchen Cupboard.

QORMI ROAD — ST. VENERA (Torretta)

Tel. C. 25400

Għal Għamara ta' kull stil kif ukoll xogħlijiet oħra ta' l-injam in ġenerali




# Il-Festa ta' S. Vendra fil-bidu tas-Seklu XX

Minn P. MANWEL GATT, O. CARM.

Ir-raħal ta' Santa Vendra fil-limiti ta' B'Kara ilu jeżisti ħafna. Il-Knisja Parrokkjali bdiet tinbena fl-1659 u fis-sena 1918 Santa Vendra ġiet imwaqqfa bħala parroċċa ,taħt it-tmexxija pastorali tal-Patrijiet Karmelitani.

Il-festa ad unur Santa Vendra kienet issir qabel ma l-Patrijiet Karmelitani ħadu f'idejhom il-Knisja fl-1912. Fil-Kalendarju tal-Knisja, il-festa tiġi fis-26 ta' Lulju u l-festa kienet u għada ssir l-ewwel Ħadd li jiġi wara din id-data.

Qabel il-festa kien ikun hemm tliet ijiem ta' Tridu u l-jum lejliet il-festa. Fit-tlett ijiem tat-Tridu kienet issir quddiesa letta fis-6.30 a.m. fl-artal maġġur, iddedikat lil din il-Verġni u Martri, minn Dun Giusepep (magħruf ta' Kelment) mir-Rabat li kien prokuratur tal-Knisja.

Lejlet il-festa fil-knisja kien isir Għasar bil-vuċijiet u jindaqq l-orgni antik li għadu jeżisti sal-lum, tingħad il-kurunella għad unur il-qaddisa u tingħata l-Barka Ewkaristika.

Nhar il-festa fil-għodu fit-8.30 a.m., kienet issir quddiesa kantata bil-vuċijiet, li kienet tiġi ċċelebrata mill-Kanonċi ta' B'Kara. Imbagħad, kif tispiċċa l-quddiesa u n-nies toħroġ barra l-pjazza għad-dell ta' sitt siġriet kbar tal-Lila li kienu jdawru l-misraħ, li dak iż-żmien kien iżgħar fid-daqs, u s-saċerdot kien jinseġ il-paniġierku għad uur ta' Santa Vendra, minn fuq iz-zuntier tal-Knisja.

Wara nofs in-nhar imbagħad kienet tingħad il-kurunella,

u tingħata l-barka sagramentali.

Din il-festa hija festa folkloristika. Minn lejliet il-festa kmieni, kienu jintramaw mat-trieq li tieħu għall-knisja, għadd kbir ta' karettuni tal-idejn, b'ħafna ġugarelli li jgħoġbu lit-tfal, — żwiemel tal-injam jiġru fuq ir-roti, għamara tal-pupa ta' kull lewn, irdieden tar-riħ, statwi tat-tafal ta' bosta qaddisin, pupi u tant oġġetti oħra. Tal-luminata u tal-ġelati wkoll kienu jiġu jbigħu. Fit-toroq tal-parroċċa fil-għaxija, kemm lejliet il-festa kif ukoll nhar il-festa, kienet issir mixgħela bil-lampi taż-żejt ta' kull lewn. Il-faċċata tal-Knisja kienet tkun ħuġġieġa waħda bil-mixgħela ta' dawn il-lampi. Ma' nżul ix-xemx il-Banda tat-tfal tal-Istitut San Giusepp, kienu jdoqqu marċ li jinżel mit-Trieq Santa Vendra sal-misraħ quddiem il-Knisja. In-nies kienu jinżlu mal-banda bit-torċi mixgħula f'idejhom.

Il-Qriema kienu jitilgħu bi ħgarhom u kulħadd kien jixtri pastizzi jew pasti biex jintela, għaliex kienu jdumu hawn sa tard bil-lejl. In-nies kienet tinġabar fi gzuz, għaliex wara li tispiċċa l-banda tat-tfal ta' San Giusepp, kien jibda l-għana, akkompanjat mid-daqq tal-kitarri. Wara dan, jinħaraq il-logħob tan-nar, u kulħadd kien imur lura lejn daru ferħan, l-aktar it-tfal li ommhom tkun xtratilhom xi ġugarell.

Nhar il-festa kienet issir fiera kbira fil-ġnien tal-Kunvent, li issa nbena u sar "Mt. Carmel College", immexxi mill-Patrijiet Karmelitani. Minn kmieni wara nofs in-nhar, kienu jiġu fuq il-karettuni mżejna bil-ħaxix, iż-Zwieten. In-nisa u t-tfajliet kienu jilbsu d-dbielet twal ta' ħafna lwien, jgħattu rashom b'xalla twila tal-ħarir, li kienet tasal sa nofs daharhom, u jxeddu krakar f'riġlejhom. L-irġiel kienu jġibu magħhom il-kitarra, iż-żaqq jew xi tambur. Dawn kienu jidħlu jinvistaw il-Knisja u wara joqgħodu jduru mal-bejjiegħa tal-ġugarelli. Kien isir marċ li x'aktarx kien ikun banda mill-Hamrun, u wara li tispiċċa l-banda, bħal jum ta' qabel, dawk li kienu ġew għall-festa kienu jagħtuha għad-daqq u l-kant tal-għana, sa ma jidħol il-lejl sewwa.

Il-Luogu Tenent Gvernatur, li kien joqgħod f''Casa Leone', quddiem l-Umberto Calosso u li l-ġnien tiegħu issa sar ġnien pubbliku, Romeo Romano, kien jinteressa ruħu ħafna fil-festa ta' Santa Vendra. Kien jattendi għall-funzjonijiet tal-Knisja u jgħin finanzjarjament. Is-sinjura tiegħu kienet irregalat ukoll it-tapit tal-artal maġġur.

Ta' min jispiċċa r-rakkont billi jsemmi l-aħwa Censu u Xandru Farrugia li flimkien ma' Majsi Dalli kienu jaħdmu l-logħob tan-nar. Huma wkoll, flimkien ma' Nikol Buttigieg u Karmenu Borda, kienu jaħsbu għall-ġbir tal-ispejjeż tal-festa.

CLUB
MEN'S WEAR
SPECIALISTS
of
REPUBLIC STREET,
VALLETTA
TEL. 24796

SAMMY
TYPEWRITING
SCHOOL
B'SISTEMA "PITMAN'S TOUCH"
F'ħinijiet konvenjenti:
Mill-4.30 p.m. 'il quddiem
(barra nhar ta' Ħamis)
U BI ĦLAS MODERAT.
Applikaw:
529, HIGH STREET,
STA. VENERA
(ħdejn 'Cini Institute')
jew ċemplu:
C. 48191

SUNBRED SQUASHES &
MALTANA WINES
by
S. SADSON
Tel. 46939

# MAL-MODA

**Biex tkun Oriġinali u tieħu talli tħallas meta tixtri muntaturi u mantiijiet tat-tieġ mur għand**

# ROSINA SHOPS

**SPEĊJALISTI FL-ILBIESI TAT-TIEĠ, KPIEPEL, INGWANTI, RIX, MUNTATURI, MANTIJIET, HANDBAGS, FJURI u bosta aċċessorji oħra.**

186, OLD BAKERY STREET, VALLETTA

50, TOWER ROAD, SLIEMA

OPENING SHORTLY:

54, ZACHARY STREET, VALLETTA


# Kumitat tal-Għaqda Filarmonika Sta. Venera A.D. 1964

| | |
|---|---|
| Presidenti Onorarji: | Rev. P. K. Azzopardi, O. Carm. |
| | Dr. F. Portanier. |
| President: | Dr. M. Azzopardi. |
| Viċi President: | Is-Sur Anthony Zammit. |
| Segretarju: | Is-Sur Carmelo Mifsud. |
| Ass. Segretarju: | Is-Sur Ivo Aquilina. |
| Kaxxier: | Is-Sur Lorry Pellegrini. |
| Ass. Kaxxier: | Is-Sur Alfred Zammit. |
| Direttur Spiritwali: | Rev. P. F. Grech, O. Carm. (Kappillan) |
| Surmast tal-Banda: | Mro. C. Borg, MPRS (Lond.). |
| Membri: | Is-Sur Anthony Parnis. |
| | Is-Sur Charles Muscat. |
| | Is-Sur Rene Mizzi. |
| | Is-Sur Victor Bugeja. |
| | Is-Sur Jimmy Sammut. |


**JOE'S STORE – STORE POPOLARI**

376, HIGH STREET, ST. VENERA

GHALIEX JOFFRI LIL KLIJENTI
GROCERIES, HAXIX, FROTT,
IMBEJJED, HELU U TANT AFFARIJIET OHRA
FIL-HIN U B'IRHIS

**MIRIAN HALL**

(Opposite Apap Institute, High Street, St. Venera)

**Available for WEDDINGS & PARTIES**

Dial Nos. 45048-625844

# PROGRAMM

**Programm tal-Festa ta' Santa Venera Verġni u Martri fil-Knisja Parrokkjali u Titulari Tagħha mit-23 ta' Lulju - 31 ta' Lulju.**

FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**IS-SIBT 23 TA' LULJU:**

Fis-6.30 p.m. Quddiesa. Wara ħruġ tal-vara min-niċċa li tiġi mqiegħda għall-qima tal-poplu.

**IT-TNEJN 25 TA' LULJU:**

Fis-6.30 p.m. quddiesa għat-tfal u żgħażagħ tal-parroċċa.

**IT-TLIETA 26 TA' LULJU:**

Fis-6.30 p.m. quddiesa għall-morda tal-parroċċa mill-Kappillan R. P. Franġisk Greck O. Carm. Wara tingħata tifkira lil morda.

**L-ERBGĦA 27 TA' LULJU:**

**L-Ewwel jum tat-Tridu.** Fis-7.00 a.m. quddiesa. Fis-6.30 p.m. quddiesa kantata, priedka, kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Wara jitkanta l-Innu tal-Qaddisa.

**IL-ĦAMIS 28 TA' LULJU:**

**It-Tieni jum tat-Tridu:** Kollox bħal jum ta' qabel. Il-quddiesa tkun għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-parroċċa.

**IL-ĠIMGĦA 29 TA' LULJU:**

**It-Tielet jum tat-Tridu.** Kollox bħal jum ta' qabel. **Il-quddiesa tkun għall-bżonnijiet tal-familji tal-parroċċa. Il-predikatur** tat-Tridu jkun il-W. R. Dun Mattew Magro.

**IS-SIBT 30 TA' LULJU — Lejliet il-Festa**

Fis-7.00 a.m. Quddiesa. Wara jitkanta t-Te Deum.

Fis-6.30 p.m. Translazzjoni tar-relikwija ta' Santa Venera V. M. mill-W. R. P. Eugenio Tonna, O. Carm., S.Th.D., Provinċjal. Quddiesa u Barka Sagramentali.

**IL-ĦADD 31 TA' LULJU — Nhar il-Festa**

Fis-7.00 a.m. quddiesa bi tqarbina ġenerali mill-W. R. P. Franġisk Grech, O. Carm, Kappillan.

Fid-9.00 a.m,. Terza Kantata, Quddieas Solenni minn P. Salv Bartolo, O. Carm., missjunarju mil-Perù, f'għeluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Wara l-Vanġelu l-W. R. P. Viċenz Portelli, O.P., Kappillan ta' Gwardamangia, jinseġ Kuruna ta' tifħir lil Santa Venera.

Il-Quddiesa tkun għall-benefatturi.

Fis-6.00 p.m. Għasar Solenni mir-R. P. Salv Bartolo, O. Carm.

Fis-6.30 p.m. Quddiesa Letta. Purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Venera mat-triqat tal-parroċċa mmexxija mir-R P. Salv Bartolo, O. Carm. Malli tidħol il-vara tingħata l-Barka Sagramentali.

Il-mużika ta' matul il-festa kollha tkun taħt it-tmexxija tar-R. P. Louis Bajjada, O. Carm., Maestro di Cappella tal-Provinċja Karmelitana.

**FESTI TA' BARRA**

**IL-ĠIMGĦA 29 TA' LULJU — It-Tielet jum tat-Tridu**

Fis-7.00 p.m. il-Banda "Santa Venera V. M." tferraħ it-toroq tal-parroċċa bi programm ta' marċi ġodda.

Issir mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u tat-toroq.

**IS-SIBT 30 TA' LULJU — Lejliet il-Festa**

Fis-7.30 p.m. il-Banda "Santa Venera V. M." tagħmel marċ li jispiċċa fil-pjazza Santa Venera..

Wara fl-istess pjazza jsir Logħob tan-nar.

**IL-ĦADD 31 TA' LULJU — Jum il-Festa**

Fit-8.30 a.m. il-Banda S. Venera V. M. tagħmer marċ brijuż mat-toroq tal-parroċċa.

Fil-għaxija l-Banda "La Stella" tal-Gudja tagħmel marċ wara l-vara mad-dawra tal-purċissjoni.

QUAD

for the closest approach to the original sound.

QUAD 33 Control Units
QUAD 303 Power Amplifiers
QUAD FM3 Stereo Tuners
QUAD Electrostatic Loudspeakers
QUAD is a registered trade mark.



Sole Agents and Stockists:
TRANSCONTINENTAL AGENCIES LTD.
176, Old Bakery Street, Valletta
Tel. 625699 — 25501

BRINCSONS BAKERY
Cannon Road, St. Venera
Tel. 29092 - 40787

Tavża lil-proprjetarji tal-ħwienet li l-galletti tagħhom, tas-Smid, huma sustanzjużi u magħmula bl-aħjar materjal u mezzi moderni. Dawn il-galletti jżidu l-enerġija u minħabba l-packing speċjali tagħhom jibqgħu tajbin għal ħafna ġranet.


# Programm tal-Banda "Santa Venera"

29 ta' Lulju - 31 ta' Lulju

**IL-ĠIMGĦA 29 TA' LULJU**

Il-Marċ jibda fis-7.00 p.m. minn Quarries Sqr., jgħaddi minn Quarries Str., Annunciation Str., Victoria Ave., Abela Str., Brigella Str., Cardinal Xiberras Str., High Str., Msida Rd. għall-pjazza S. Venera fejn ittemm il-programm bl-innu tal-Qaddisa. .

**IS-SIBT 30 TA' LULJU**

Il-Marċ jibda fis-7.30 p.m. minn New Str. in High Str., (ħdejn il-Knisja l-ġdida). Jgħaddi minn Cannon Road, High Str., St. Venera Str. għall-pjazza S. Venera fejn wara li jindaqq l-innu jingħata logħob tan-nar.

**IL-ĦADD 31 TA' LULJU**

Il-Marċ jibda minn ħdejn il-każin il-ġdid New Sqr. in Vivion Str., igħaddi għal Quarries Sqr., Annunciation Str., Victoria Ave., Abela Str., Brighella Str., Cardinal Xiberras Str., High Str., St. George's Str., mill-ġdid għal Brighella Str. Sacred Heart Str. għal High Str., Msida Road għal quddiem il-każin il-ġdid fejn itemm il-programm tiegħu bl-innu ta' Santa Venera.

# Programm ta' Marċi ġodda

| | | |
|---|---|---|
| 1. | St. Venera 1977 | C. G. Borg |
| 2. | Jum il-Festa | C. G. Borg |
| 3. | Mar-Ben | D. Ellul |
| 4. | Sharon | E. Zarb |
| 5. | Paraskeva | C. G. Borg |
| 6. | Golden Pheasant | J. Abela Scolaro |
| 7. | La Bandiera | C. G. Borg |
| 8. | Law-Carm | A. Muscat Azzopardi |
| 9. | Lil Banda Sta. Venera | J. Abela Scolaro |

# STYLINE

HIGH CLASS LUXURIOUS FURNITURE

SITTING ROOMS: DINING ROOMS: BED ROOMS:
KITCHEN UNITS: ELEGANT COFFEE TABLES etc.
AT MODERATE PRICES

by

**JOE MIFSUD**

Showroom:
488, HIGH STREET, ST. VENERA

Workshop:
46, MSIDA ROAD, ST. VENERA
Tel. 20317

# R. ZAMPA

**FASHION WEAR**

**WHOLESALE & RETAIL**

4, BLOCK 1
ST. JOHN SQUARE,
VALLETTA — MALTA

Cen. 26562

# RALPH AUTO PARTS

## 523, 527, High Street,
## St. Venera

Stockist of:-

Dari Air Compressors, Drilling & Sanding Machines
Electric Welding Sets, Stayer Electric Tools,
Panel Beater Tools & Electric Cutting Machines (z)
Iron and Bars, Auto Parts & Accessories etc.

Telephone 29707 — 48188

# G. VELLA

Novelties for
Modern Home

GIFTS FOR ALL
OCCASIONS

153, High Street,
Hamrun

Tel. 22717

# GEJTU CAMILLERI

GEJTU AUTOMOBILE
DEALER

Buys, Sells, Exchanges
New & Second Hand
Cars

490, 493, 497,
St. Joseph Road,
St. Venera — Malta
Phone: 21302

Għal kull xorta ta'

* HADRIAN PAINT
* SYNFLAT PLASTIC EMULSION
* BATH ROOM FITTINGS
* WALL TILES
* GENERAL BUILDING MATERIAL

Irrikorru għand

**GRECH'S LTD.**

154, St. Sebastian Street, Qormi

97, Naxxar Road, Balzan

Tel. 47015/41367

**TE' TA' LJUN**

L-AQWA
TE'
HUWA
TE'
TA'
LJUN

LION BRAND
FINEST PURE TEA



REG. TRADE MARK

**C. CISCALDI**

CONFECTIONERY
16, 17, Zimelli Street,
Hamrun.
5, Michael Anton Vassalli Str.,
Hamrun.
52, High Street, Hamrun

Accept orders for:-
WEDDINGS,
BAPTISMS
and PARTIES, etc.

Phone Dial 27926

## S. AGIUS STORE

NEW STREET off CANNON ROAD,
ST. VENERA

*GROCERIES — ĦAXIX FRISK — u FROTT BNIN*

PREZZIJIET IRĦAS

## INKSTREAM

**STATIONARY BAZAAR**

NEW STREET 'B' off CANNON RD.,
ST. VENERA

Għal ħwejjeġ ta' taħt u ta' fuq
Minċotti u Zippijiet
u ħtiġijiet oħra tad-Dar
bi Prezzijiet Moderati

Elia
BORG BONACI

68, Villambrosa Street,
Hamrun
665. 667, High Street,
Hamrun

**Bakers & Confectioners**

*Tel. 26920*



INQADDSU JUM IL-FESTA
TAL-PATRUN TAGHNA
SANTA VENERA
BILLI NERSQU GHAL
QRAR U T-TQARBIN
U BILLI NAGHMLU XI ATT
TA' KARITA'

## CHARLES STORE

532, High Street,
St. Venera
Tel. 26279

L-Istore tal-Familja
għal kull kwalità
ta' Groceries
Spirti u Ħelu
u Glassware

## MARY'S HOUSE

ta'
308, St. Joseph
High Road
St. Venera

TAVŻA LILL-KLIJENTI
TAGĦA KOLLHA LI
FL-ISTABBILIMENT
TAGĦA JINSABU
KULL KWALITA' TA'
LBIES GĦAN-NISA
U TFAL

## FETAĦ ĠDID

LATEST DRAPERY

ta'
New Str. 'B' off
Cannon Rd., St. Venera

Għal kull kwalità
ta' drappijiet lixxi
jew b'disinji oriġinali
u fancy għan-nisa,
irġiel u tfal

Prop. DORIS GALEA

## IVO AQUILINA

IRONMONGER
and
HOUSEHOLD
GOODS DEALER

39, MSIDA ROAD,

ST. VENERA

Tel.: 624824

## Palma Pastizzeria

Prop: GIUSEPPI GALEA

557, HIGH STREET,
ST. VENERA
Telephone: 42964

HOT CHEESECAKES,
RAVIOLIES
& PIZZAS
Accept orders for
Weddings and Parties

Għal servizz effiċjenti
u iġjeniku ta' ħut,
priservat, frott frisk u
priservat, prodotti ta'
l-M.M.U. u groceries
kollha,

irrikorru għand:-

## LAURIE'S STORE

555, High Str.,
St. Venera
Tel. 29080

## SIMON FURNITURE

(SHOW ROOMS
40, 195, Constitution Street, Mosta — Tel. 43140
(FACTORY)
20, Cannon Road, Hamrun — Tel. 22369
BEDROOM SUITES, DINING ROOMS,
SITTING ROOMS SETTES,
AND A LARGE SELECTION
OF MODERN AND
ANTIQUE FURNITURE

## GOLDEN HAM SNACK BAR

St. Joseph High Road, St. Venera
(Next to St. Venera Police Station)

**Filgħodu** — Snack tajjeb, ġenwin u malajr.

**Filgħaxija** — Spirti, minerali u nbid. Bar fornut b'kollox b'kull ma trid. Ħbiberija, atmosfera eċċellenti tal-ħajja, tqatta l-isbaħ mumenti.

**Fis-Sajf** — L-uniku post open air fil-lokal b'dell u kwiet għall-jiem tas-sajf.

**Mornings** — A fresh snack with reasonable prices.

**Evenings** — A well stocked bar with atmosphere and friendly surroundings.

**L-IKTAR MUTURI**
**TAL-HRIT**
**POPOLARI**
**F'MALTA U**
**F'GHAWDEX**

**BRUMI**

Distributuri:

Joseph Cutajar
Manjus House
Zurrieq Road,
**Safi** Tel: 20009

Leli Galea
52, Manikata Road,
**Manikata**

Salvu Pulis
Salvatore Mundi,
Bajada Street,
**Zabbar** Tel: 89/6979

**GOZO**
Joseph Mizzi
**Gozo**
23, Għonqa Street,
**Xagħra** — Gozo Tel: 76451

ĠEJJIN IL-**B R U M I** TAL-BAĦAR

GĦAL-LUZZIJIET U GĦAD-DGĦAJJES

Stamperija "Il-Hajja"